MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2007

Numru 566/2007

Il-Pulizija
(Spettur Martin Sammut)
(Spettur Louise Calleja)
Vs
Renato Attard

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat detentur ta’ karta ta’ identita’ numbru 87559(M), akkuzat talli f’San Giljan, Sliema, Bugibba limiti ta’ San Pawl il-Bahar u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, fil-5 ta’ Lulju 2007 u fix-xhur ta’ qabel, b’ diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda:

1. Uza vjolenza sabiex igieghel lil Denise (Dionisia) Fenech taghmel, thalli isir, jew tonqos milli taghmel xi haga;

2. Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Denise (Dionisia) Fenech u xi persuni ohra, biza li ser tintuza vjolenza kontrihom, meta hu kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imgieba tieghu se tikkagunalhom biza;

3. Gab ruhu b'tali mod li ta fastidju lil persuna ta' Denise (Dionisia) Fenech u xi persuni ohra b'mod li jkun jaf jew kien imissu jkun jaf li dan kien ta' fastidju ghal persuna ta' Denise (Dionisia) Fenech u/jew persuni ohra;

4. F' tas-Sliema, nhar it-3 ta' Lulju 2007, f'xi hin wara nofs inhar, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Denise (Dionisia) Fenech kontra l-volonta' taghha.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Illi d-dok DF esebit mill-kwerelenta illum stess fejn hi rrinunzjat ghal dak kollu li hu rrinunzjabbli fil-konfront tal-imputat hu tali li din il-Qorti hi issa tal-fehma li m' hemmx skop li tissofferma fuq il-fatti li ikkaraterezzaw din il-kawza. Bizzejjed jinghad li mill-provi xi tip ta fastidju esercitat mill-imputat fil-konfront tal-kwerelanta kien hemm izda mhux fil-proporzjon u f'dik l-entita' li riedet igeghel temmen il-kwerelanta.

Wara li qieset dak li fil-fehma ta' din il-Qorti kien rilevanti u wara li rat l-Artikolu 251A, 251b, 86 u 17 tal-Kap 9 u fil-waqt li ssib htija ghall-akkuzi dedotti kontra l-imputat fic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 qeghdha tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' sena mill-lum.

Il-Qorti qeghdha tispiega lill-imputat r-responsabiltajiet tieghu li johorgu minn dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------